**WIRT IŻ-ŻEJTUN**



**BIEX INŻOMMUK INFURMAT**

**Marzu 2013** **Ħarġa Nru. 8**

## Aħbarijiet fil-Qosor

- Il-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) ta' Wirt iż-Żejtun għas-sena 2013 saret nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar 2013 fiċ-ċentru taż-Żejtun Corinthians, biswit il-grawnd tal-futbol. Waqt din il-LĠA ġie elett kumitat eżekuttiv ġdid għas-sentejn li ġejjin. Il-Kumitat Eżekuttiv elett huwa: Ruben Abela (President), Tracey Ann Vella Cumbo (Segretarja), Jesmond Cutajar (Teżorier), Fiona Vella (PRO), Brian Caruana, Samuel Falzon u Catherine Tabone (Membri).
- Nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar saret l-ewwel laqgħa tal-kumitat eżekuttiv ta' Wirt iż-Żejtun wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali. F'din il-laqgħa ġie deċiż li ta' kull sena tiġi mfakkra personalità Żejtunija li tul ħajjitha tkun għamlet isem lil Beltna, dan billi dik is-sena tkun iddedikata lil din il-personalità. Matul il-laqgħa l-kumitat qabel li s-sena 2013 tkun iddedikata lil Mikiel Cachia, Perit li ħadem taħt l-Ordni ta' San Ġwann, taħt il-ħakma Franċiża u taħt l-Imperu Ingliż.
- Fis-17 ta' Frar, Wirt iż-Żejtun laqgħet grupp ieħor fi żjara lill-Parroċċa l-Qadima ta' Santa Katarina. Din id-darba kellna l-pjaċir indawru grupp magħmul minn numru ta' membri tal-Malta Archaeological Society li xtaqu jżuru lil din il-knisja f'attività li kellhom fiż-Żejtun u l-inħawi.

## ŻJARA LILL-PRESIDENT TA' MALTA

Nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, fil-Palazz ta' Sant' Anton, il-kumitat ta' Wirt iż-Żejtun kellu laqgħa mall-Eċċellenza Tiegħu Dr George Abela, President ta' Malta.



Photo - DOI - Martin Attard

Waqt din il-laqgħa ġie ppreżentat il-ktieb "The Żejtun Roman Villa: Research, Conservation, Management" lill-President, ktieb li għadu kemm ġie ppubblikat minn Wirt iż-Żejtun. Il-President ġie mgħarraf dwar kif il-ħolma ta' dan il-ktieb saret realtà u dwar is-sehem ta' diversi akkademiċi u riċerkaturi fis-simpożju li sar f'Ottubru li għadda. Dr Abela faħħar l-inizjattiva li ħadet Wirt iż-Żejtun biex ipproduċiet din il-pubblikazzjoni. Kellu kliem ta' tifħir mhux biss għal-livell għoli ta' produzzjoni, iżda wkoll għall-materjal interessanti li fiha l-istess pubblikazzjoni.

Il-kumitat qasam diversi ħsibijiet mal-President dwar il-ħtieġa li jitkabbar l-interess tal-poplu Malti fil-wirt storiku li jżejjen lil pajjiżna, u kif wieħed jista' jilħaq dan il-għan. Ġew maqsuma wkoll id-diversi esperjenzi li kellha l-għaqda matul l-attivitajiet li għamlet tul is-sentejn li ilha mwaqqfa.

Matul il-laqgħa, li ħadet kważi siegħa, membri mill-kumitat ta' Wirt iż-Żejtun irrakkuntaw diversi fatti storiċi dwar iż-Żejtun u ż-Żwieten, fatti li qanqlu l-interess tal-President dwar il-wirt għani li għandu ż-Żejtun u l-inħawi tax-Xlokk ta' Malta. Il-President irringrazzja mill-qalb lil Wirt iż-Żejtun għall-ħidma importanti li qiegħeda twettaq u wera x-xewqa li jkun hemm għaqdiet simili fi bliet u rħula oħra.

## *Editorjal:* L-Istorja Vera

**Il-kelma timxi! Hekk ngħidu għall-mod kif timxi aħbar f'Malta. Waqt li din l-aħbar tinxtered tibda wkoll tisma' verżjonijiet differenti tal-istess aħbar u minn aħbar reali tispiċċa storja.**

Il-passat huwa mimli bi stejjer bħal dawn. Hemm aħbarijiet li ġew miktuba f'dokumenti kif ukoll stejjer li ma ssibhom imkien miktuba iżda baqgħu jiġu rrakuntati minn ġenerazzjoni għall-oħra, b'kull ġenerazzjoni tagħti t-tiżwiqa tagħha. Din hija d-differenza bejn l-istorja rriċerkata u l-leġġenda, jew l-istejjer folkloristiċi.

Dawn iż-żewġ tipi ta' stejjer iqanqlu interess f'min iħobb l-istorja u l-wirt kulturali ta' pajjiżna. Il-leġġendi huma parti mill-folklor ta' pajjiżna u fihom wieħed dejjem isib messaġġ li jitwassal permezz tal-istess storja. Iżda wieħed għandu jqis dawn bħala leġġendi u mhux fatti storiċi.

Il-ħidma ta' numru kbir ta' riċerkaturi storiċi, li jużaw ħinhom billi jqallbu u jfittxu f'dokumenti storiċi li jinsabu fid-diversi arkivji li għandna f'pajjiżna, issarraf fit-tixrid ta' għarfien storiku dwar pajjiżna. Għarfien ta' fatti vera u mhux invenzjonijiet jew leġġendi. Mhux l-ewwel darba li dawn ir-riċerkaturi jikxfu fatti ġodda dwar dak li kien jingħad fuq xi ġrajja storika li jibdlu għal kollox dak li kien jintqal fuq dik il-ġrajja. Dan huwa xogħol ir-riċerkaturi li bir-riċerka u l-istudji tagħhom iwasslu l-verità tal-fatti.

Fiż-Żejtun ukoll jeżistu diversi ġrajjiet jew rakkonti li twasslu lilna minn ġenerazzjonijiet ta' qabilna. Uħud minn dawn il-ġrajjiet jista' jkun li tnisslu minn xi ħlieqa u nbidlu f'aħbar jew storja. Xogħol Wirt iż-Żejtun huwa li nagħmlu distinzjoni ċara bejn il-leġġenda u l-istorja fattwali. Permezz tal-għajnuna ta' riċerkaturi rridu nwasslu l-vera storja ta' Beltna biex ma nqarqux b'dawk ta' warajna.

**L-GHID IT-TAJJEB**

# ATTIVITAJIET FIL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN

## Intervista pubblika mal-Kan Dun Joe Abela



**Nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu se nkunu qed inżommu l-appuntament annwali marbut mall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din id-darba l-intervista ser issir mal-Kanonku Dun Joe Abela.**

Ir-riċerkatur u storiku Żejtuni se jiġi intervistat mill-ġurnalista Fiona Vella dwar l-istorja tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun kif ukoll dwar l-istorja tas-sett ta' vari li għandna fil-parroċċa. Naturalment mhux se jonqsu r-rakkonti ta' Dun Joe dwar esperjenzi personali marbuta ma' din il-purċissjoni tant għal qalb iż-Żwieten.

Din l-attività ser issir fil-knisja parrokkjali fis-7:00 ta' filgħaxija.



## F'ĠUNJU SE SSIR ŻJARA FIS-SIT ARKEOLOĠIKU TA' TAS-SILĠ



**Hike mas-subien tal-MUSEUM**
**(17 ta' Marzu 2013—fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żejtun)**
Wirt iż-Żejtun qed taħdem flimkien ma' għaqdiet fil-lokal sabiex tqajjem aktar interess fil-wirt storiku ta' beltna u l-madwar. Għalek permezz ta' dan il-hike mat-tfal subien u s-soċji tal-MUSEUM se nżuru mkejjen storici f'Delimara u l-inħawi.

**Mixja storika fi żmien il-Franċiżi**
**(14 ta' April 2013 bejn 9:30 – 12:00)**
Mixja kulturali fiż-Żejtun b'rabta diretta ma' dak li għamlu ż-Żwieten waqt l-imblokk tal-Franċiżi taħt it-tmexxija ta' Mikiel Cachia.

**Niskopru r-Raħal ta' Fuq**
**(28 ta' April 2013 bejn 9:30 – 12:00)**
Din se tkun mixja fit-triqat dojoq tar-Raħal ta' Fuq bi spjegazzjoni bil-lingwa Ingliża maħsuba għar-residenti barranin li joqogħdu ż-Żejtun bl-iskop li dawn japprezzaw aktar l-istorja ta' beltna. Il-Maltin jistgħu jattendu wkoll.

## IL-PROĠETT "BELTNA"

Matul ix-xahar ta' Novembru 2012, Wirt iż-Żejtun għamlet applikazzjoni għal għajnuna ta' fondi permezz ta' l-iskema Small Initiatives Support Scheme (SIS), imħaddma mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

Il-proġett jismu "BELTNA" u huwa maħsub sabiex joktor l-apprezzament lejn l-istorja u l-wirt kulturali taż-Żejtun fost it-tfal. Dan huwa wieħed mill-obbjettivi prinċipali tal-għaqda tagħna. Huwa maħsub li dan il-proġett jinħadem flimkien mad-Dipartiment tal-Curriculum u l-Iskola Primarja taż-Żejtun.

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat irċieva 104 applikazzjoni għas-sejħa ta' din is-sena. Bi pjaċir ngħidu li l-proġett "BELTNA" ġie s-sitt post u b'kollox ġab 80% tat-total tal-marki. L-ammont ta' fondi li ser jgħaddu għal dan il-proġett huma ta' €3000.

Ninsabu ħerqana sa biex inwettqu dan il-proġett.

**ĦAJJAR OĦRAJN JISSIEĦBU MEMBRI F'WIRT IŻ-ŻEJTUN**

**JEKK INT XTRAJT KOPJA TA' DAN IL-KTIEB, ĦAJJAR OĦRAJN JIXTRU KOPJA WKOLL U TKUN QED TGĦIN LIL WIRT IŻ-ŻEJTUN**




PREZZ SPEĊJALI TA' €10 GĦALL-MEMBRI

**Ingħaqad magħna fuq facebook**